Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI Nru 2148/2004**

tas-16 ta' Diċembru 2004

dwar l-awtorizzazzjonijiet permanenti u proviżorji ta' ċerti addittivi u l-awtorizzazzjoni ta' użi ġodda ta' addittiv diġà awtorizzat fl-għalf tal-bhejjem

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 183M, 5.7.2006, p. 361)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1980/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005	L 321M	317	21.11.2006
►**M2**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1018/2012 tal-5 ta' Novembru 2012	L 307	56	7.11.2012

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI Nru 2148/2004

tas-16 ta' Diċembru 2004

dwar l-awtorizzazzjonijiet permanenti u proviżorji ta' ċerti addittivi u l-awtorizzazzjoni ta' użi ġodda ta' addittiv diġà awtorizzat fl-għalf tal-bhejjem

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 dwar addittivi fl-għalf tal-bhejjem ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 3 u 9d(1) u 9e(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprovdi għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fin-nutriment ta' l-annimali fl-Unjoni Ewropea.

(2) L-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jniżżel il-miżuri transizzjonali għall-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' addittivi ta' l-għalf sottomessi skond id-Direttiva 70/524 qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(3) L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għall-addittivi elenkati fl-annessi għal dan ir-Regolament kienu sottomessi qabel id-data ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(4) Kummenti tal-bidu mill-Istati Membri dwar dawn l-applikazzjonijiet inħarġu skond l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/524/KEE u kienu ppreżentati lill-Kummissjoni qabel id-data ta' l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Tali applikazzjonijiet għalhekk għandhom ikomplu jkunu ttrattati skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva 70/524/KEE.

(5) L-użu tal-prodott, klinoptilolite ta' oriġini vulkanika, bħala addittiv ta' l-għalf li jagħmel parti mill-kategorija ta' "*binders*, aġenti *anti-caking* u koagulanti", kien awtorizzat proviżorjament, għall-ewwel darba, għall-ħnieżer, fniek u tajr bir-Regolament (KE) Nru 1245/1999 ([3]).

(6) Data ġdida kienet sottomessa biex issaħħaħ applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien. L-eżaminazzjoni turi li l-kundizzjonijiet mniżżla fid-Direttiva 70/524/KEE għal tali awtorizzazzjoni kienu sodisfatti.

([1]) ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni 1800/2004 (ĠU L 317, 16.10.2004, p. 37).
([2]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([3]) ĠU L 150, tas-17.6.1999, p.15.

▼B

(7) Għaldaqstant, l-użu ta' dan il-prodott, klinoptilolite ta' oriġini vulkanika, għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien, skond ċerti kundizzjonijiet mniżżla fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

(8) L-użu tat-taħlita tal-mikro-organiżmu *Bacillus licheniformis* (DSM 5749) u *Bacillus subtilis* (DSM 5750) kienet awtorizzata proviżorjament għall-ħnieżer għas-smin u mingħajr limitu ta' żmien għall-ħnienes bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2437/2000 ([1]).

(9) Data ġdida kienet sottomessa biex issaħħaħ applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dik it-taħlita tal-mikro-organiżmu għall-ħnieżer għas-smin. L-eżaminazzjoni turi li l-kundizzjonijiet mniżżla fid-Direttiva 70/524/KEE għal tali awtorizzazzjoni huma sodisfatti. Data ġdida kienet sottomessa biex issaħħaħ l-applikazzjoni biex timmodifika l-età massima ta' dik it-taħlita tal-mikro-organiżmu għall-ħnienes. L-eżaminazzjoni turi li l-kondizzjonijiet għal tali modifikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni huma sodisfatti.

(10) L-użu tat-taħlita mikro-organiżmu ta' *Saccharomyces cerevisiae* (NCYC Sc 47) kienet awtorizzata proviżorjament, għall-ewwel darba, għall-ħnienes bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1436/98 ([2]).

(11) L-użu tat-taħlita mikro-organiżmu ta' *Enterococcus faecium* (DSM 7134) u *Lactobacillus rhamnosus* (DSM 7133) kienet awtorizzata proviżorjament għall-ħnienes, għall-ewwel darba bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2690/99 ([3]).

(12) Data ġdida kienet sottomessa biex issaħħaħ applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dawk iż-żewġ taħlitiet tal-mikro-organiżmu. L-eżaminazzjoni turi li l-kundizzjonijiet mniżżla fid-Direttiva 70/524/KEE għal tali awtorizzazzjoni huma sodisfatti.

(13) Għaldaqstant, l-użu ta' dawk it-tlett taħlitiet tal-mikro-organiżmu, kif speċifikat fl-Anness II, għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu taż-żmien.

(14) Data kienet sottomessa biex issaħħaħ applikazzjoni biex tinkiseb awtorizzazzjoni għal addittiv ġdid li jagħmel parti mill-grupp tal-mikro-organiżmi, *Kluyveromyces marxianus* tat-tip *lactisK1* (BCCM/MUCL 39434) għall-baqar tal-ħalib.

(15) L-eżaminazzjoni ta' l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni sottomessa, fir-rigward tat-taħlita tal-mikro-organiżmu speċifikat fl-Anness III għal dan ir-Regolament, turi li l-kondizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 9e(1) tad-Direttiva 70/524/KEE huma sodisfatti.

(16) Il-Kumitat Xjentifiku dwar in-Nutriment ta' l-Annimali (SCAN) ta opinjoni fuq l-użu ta' dan l-addittiv fl-għalf tal-bhejjem. "Opinjoni fuq l-użu ta' ċerti mikro-organiżmi bħala addittivi fl-għalf tal-bhejjem" fil-25 ta' April 2003, li tikkonkludi li dan l-addittiv ma jippreżentax riskju għas-saħħa ta' l-annimali, s-saħħa umana jew l-ambjent, skond il-kundizzjonijiet mniżżla fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

(17) L-użu tat-taħlita ta' l-enżimi ta' *endo*-1,3(4)-*beta-glucanase* prodotta mit-*Trichoderma longibrachiatum* (CNCM MA 6-10 W) kienet awtorizzata proviżorjament għat-tiġieġ għas-smin, għall-ewwel darba bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1436/98.

([1]) ĠU L 280, ta' l-4.11.2000, p.28.
([2]) ĠU L 191, tas-7.7.1998, p.15.
([3]) ĠU L 326, tat-18.12.1999, p.33.

▼B

(18) L-użu tat-taħlita ta' l-enżimi ta' *endo*-1,4-*beta-glucanase* prodotta bit-*Trichoderma longibrachiatum* (IMI SD 142) kienet awtorizzata proviżorjament għat-tiġieġ għas-smin, għall-ewwel darba bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1436/98 (forma likwida) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1353/2000 ([1]) (forma solida).

(19) L-użu tat-taħlita ta' l-enżimi ta' *endo*-1,4-*beta-glucanase* prodotta bit-*Trichoderma longibrachiatum* (IMI SD 135) kienet awtorizzata proviżorjament għat-tiġieġ għas-smin, għall-(19) ewwel darba bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1436/98 (forma likwida) u bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1353/2000 (forma solida).

(20) Data ġdida kienet sottomessa biex issaħħaħ l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mingħajr limitu ta' żmien ta' dawk it-tliet taħlitiet enzyme. L-eżaminazzjoni turi li l-kundizzjonijiet mniżżla fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 70/524/KEE għal tali awtorizzazzjoni huma sodisfatti.

(21) Għaldaqstant, l-użu ta' dawn it-tliet taħlitiet ta' l-enżimi, kif speċifikat fl-Anness IV, għandu jkun awtorizzat mingħajr limitu taż-żmien.

(22) L-użu tat-taħlita ta' l-enżimi *endo*-1,3(4)-*beta-glucanase* u *endo*-1,4-*beta-xylanase* prodotta mill-*Penicillium funiculosum* (IMI SD 101) hija awtorizzata mingħajr limitu taż-żmien għat-tiġieġ għas-smin, bir-Regolament tal-Kummissjoni KE) Nru 1259/2004 ([2]). L-użu ta' din it-taħlita kienet awtorizzata proviżorjament għad-dundjani għas-smin, għall-qroqqa u għall-ħnieżer għas-smin bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 418/2001 ([3]).

(23) Data ġdida kienet sottomessa biex issaħħaħ applikazzjoni biex testendi l-awtorizzazzjoni ta' l-użu ta' din it-taħlita ta' l-enżimi ħall-ħnienes u papri għas-smin.

(24) L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Ikel (EFSA) tat opinjoni dwar l-użu ta' din it-taħlita li tikkonkludi li din it-taħlita ma tippreżentax riskju għal dawn il-kategoriji addizzjonali ta' l-annimali, skond kundizzjonijiet mniżżla fl-Anness V għal dan ir-Regolament.

(25) L-eżaminazzjoni turi li l-kundizzjonijiet mniżżla fl-Artikolu 9e(1) tad-Direttiva 70/524/KEE għall-wtorizzazzjoni ta' tali taħlita kienu sodisfatti.

(26) Għaldaqstant, l-użu ta' din it-taħlita ta' l-enżimi, kif speċifikata fl-Anness V, għandha tkun awtorizzata proviżorjament għal erba' snin.

(27) L-evalwazzjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet turi li ċerti proċeduri għandhom ikunu meħtieġa sabiex jipproteġu l-ħaddiema milli jkunu esposti għall-addittivi mniżżla fl-Annessi. Tali protezzjoni għandha tkun żgurata bl-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu miljoramenti fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ([4]).

([1]) ĠU L 155, tat-28.6.2000, p.15.
([2]) ĠU L 239, tad-9.7.2004, p.8.
([3]) ĠU L 62, tat-2.3.2001, p.3.
([4]) ĠU L 183, tad-29.6.1989, p.1.

▼B

(28) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

It-taħlita ta' dan il-grupp "*Binders*, aġenti *anti-caking* u koagulanti", hija awtorizzata għal użu mingħajr limitu taż-żmien bħala addittiv fin-nutriment ta' l-annimali skond il-kondizzjonijiet mniżżla fl-Anness I.

Artikolu 2

It-taħlita tal-grupp "Mikro-organiżmi", hija awtorizzata għal użu mingħajr limitu taż-żmien bħala addittivi fin-nutriment ta' l-annimali skond il-kundizzjonijiet mniżżla fl-Anness II.

Artikolu 3

It-taħlita tal-grupp "Mikro-organiżmi", hija awtorizzata proviżorjament għal erba' snin bħala addittiv fin-nutriment tal-bhejjem skond il-kundizzjonijiet mniżżla fl-Anness III.

Artikolu 4

It-taħlita tal-grupp "Enżimi", hija awtorizzata għall-użu mingħajr limitu taż-żmien bħala addittivi fin-nutriment ta' l-annimali skond il-kundizzjonijiet mniżżla fl-Anness IV.

Artikolu 5

It-taħlita tal-grupp "Enżimi", hija awtorizzata proviżorjament għal erba' snin bħala addittiv fin-nutriment ta' l-annimali skond il-kundizzjonijiet mniżżla fl-Anness V.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

ANNESS I

KE Nru	Additiv	Formola kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					mg/kg ta' għalf tal-bhejjem komplut			
Binders, aġenti anti-caking u koagulanti								
E 567	Klinoptilolite ta' oriġini vulkanika	Aluminosilikat idrat bil-kalċjum ta' oriġini volkanika li fih minimu ta' 85 % ta' klinoptilolite u massimu ta' 15 % ta' feldspar, majka u tafal nieqes mill-fibri u l-kwarz. ►M1 ——————— ◄	Ħnieżer	—	—	20 000	L-għalf kollu tal-bhejjem	Mingħajr limitu ta' żmien
			Fniek	—	—	20 000	L-għalf kollu tal-bhejjem	Mingħajr limitu ta' żmien
			Tajr	—	—	20 000	L-għalf kollu tal-bhejjem	Mingħajr limitu ta' żmien

ANNESS II

KE Nru	Additttiv	Formola kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf tal-bhejjem komplut			
Mikro-organiżmi								
E 1700	Bacillus licheniformis DSM 5749 Bacillus subtilis DSM 5750 (f'proporzjoni 1/1)	Taħlita ta' Bacillus licheniformis u Bacillus subtilis li fiha minimu ta': 3,2 x 109 CFU/g additiv (1,6 x 109 CFU/g additiv ta' kull batterju)	Ħnieżer għas-smin	—	1,28 x 10^9	1,28 x 10^9	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u s-sustanza ta' qabel it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, il-perjodu ta' kemm tista' ddum il-ħażna u l-istabbilità għall-*pelleting*.	Mingħajr limitu ta' żmien
			Ħnienes	—	1,28 x 10^9	3.2 x 10^9	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u s-sustanza ta' qabel it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, il-perjodu ta' kemm tista' ddum il-ħażna u l-istabbilità għall-*pelleting*. Għall-użu f'ħnienes sa approssivament 35 kg.	Mingħajr limitu ta' żmien
E 1702	Saccharomyces cerevisiae NCYC Sc 47	Preparazzjoni ta' *Saccharomyces cerevisiae* li fih minimu ta': 5 x 10^9 CFU/g additiv	Ħnienes (miftuma) —	—	5 x 10^9	►**M2** — ◄	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u s-sustanza ta' qabel it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, il-perjodu ta' kemm tista' ddum il-ħażna u l-istabbilità għall-*pelleting*.	Għall-użu f'ħnienes miftuma sa approssivament 35 kg. Mingħajr limitu ta' żmien
E 1706	Enterococcus faecium DSM 7134 Lactobacillus rhamnosus DSM 7133 Taħlita ta':	*Enterococcus faecium* li fih minimu ta': 7 x 10^9 CFU/g u ta' *Lactobacillus rhamnosus* li fih minimu ta':	3 x 10^9 CFU/g Ħnienes (miftuma)	—	2.5 x 10^9	5 x 10^9	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u s-sustanza ta' qabel it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, il-perjodu ta' kemm tista' ddum il-ħażna u l-istabbilità għall-*pelleting*. Għall-użu f'ħnienes miftuma sa approssivament 35 kg.	Mingħajr limitu ta' żmien

ANNESS III

Nru (jew KE Nru.)	Additttiv	Formola kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					CFU/kg ta' għalf tal-bhejjem komplut			
Mikro-organiżmi								
24	*Kluyveromyces marxianus* var. *lactisK1* BCCM/MUCL 39434	Preparazzjoni ta' *Kluyveromyces marxianus* var. *lactisK1* li fih attività minima ta':	1.0 x 10^8 CFU/g	Baqar tal-ħalib	0.25 x 10^6	1.0 x 10^6	Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additttiv u s-sustanza ta' qabel it-taħlit, indika t-temperatura tal-ħażna u l-perjodu ta' kemm tista' ddum il-ħażna. Tużax f'sustanza ta' qabel it-taħlit *pelleted* u f'għalf tal-bhejjem. Uża f'baqar tal-ħalib, b'mod partikolari meta jkunu ser jilħqu l-massimu tal-produzzjoni tal-ħalib ta' kuljum, għal perjodu minimu ta' 14 il-jum. L-ammont ta' porzjon ta' kuljum amministrata għal kull baqra hija 1,0 x 10^7 CFU.	Data *[à compléter par le service publiant l'acte au J.O: 4 ans à partir de l'entrée en vigueur du ce règlement]*

ANNESS IV

KE Nru	Additttiv	Formola kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					Uniti ta' attività/kg ta' għalf ta' l-annimali komplut			
Enżimi								
E 1615	*Endo*-1,3(4)-*beta*-*glucanase* EC 3.2.1.6	Preparazzjoni ta' *endo*-1,3(4)-*beta*-*glucanase* prodotta minn *Trichoderma longibrachiatum* (CNCM MA 6-10 W) li fih attività minima ta': Forma solida: 70 000 BGN ([1])g Forma likwida: 14 000 BGN/ml	Tiġieġ għassmin	—	1 050 BGN	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u s-sustanza ta' qabel it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, il-perjodu ta' kemm tista' ddum il-ħażna u l-istabbilità għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandabbli kull kg ta' għalf tal-bhejjem komplut: 2800 BGN 3. Għall-użu f'għalf kompost għani fil-polisakkaridi li mhumiex tal-lamtu (prinċipalment *beta- glucans*), e.ż. li fih aktar minn 35 % xgħir.	Mingħajr limitu ta' żmien
E 1616	*Endo*-1.4-*beta*-*glucanase* EC 3.2.1.4	Prepazzjoni ta' endo-1.4-beta-glucanase prodotta minn *Trichoderma longibrachiatum* (IMI SD 142) li fiha attività minima ta': Forma solida: 2000 CU ([2])/g Forma likwida: 2000 CU/ml	Tiġieġ għassmin	—	500 CU	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u s-sustanza ta' qabel it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, il-perjodu ta' kemm tista' ddum il-ħażna u l-istabbilità għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandabbli kull kg ta' għalf tal-bhejjem komplut: 500-1 000 CU. 3. Għall-użu f'għalf kompost għani fil-polisakkaridi li mhumiex tal-lamtu prinċipalment *beta- glucans*), e.ż. li fih aktar minn 40 % xgħir.	Mingħajr limitu taż-żmien

▼B

KE Nru	Additiv	Formola kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					Uniti ta' attività/kg ta' għalf ta' l-annimali komplut			
E 1617	*Endo*-1,4-*beta-xylanase* EC 3.2.1.8	Prepazzjoni ta' *endo*-1.4-*beta-xylanase* prodotta minn *Trichoderma longibrachiatum* (IMI SD 135) li fiha attività minima ta': Forma solida: 6000 EPU ([3])/g Forma likwida: 6000 EPU/ml	Tiġieġ għasmin	—	1 500 EPU	—	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u s-sustanza ta' qabel it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, il-perjodu ta' kemm tista' ddum il-ħażna u l-istabbilità għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandabbli kull kg ta' għalf tal-bhejjem komplut: 1 500-3 000 EPU. 3. Għall-użu f'għalf kompost għani fil-polisakkaridi li mhumiex tal-lamtu rinċipalment *arabinoxylans*), e.ż. li fih aktar minn 40 % qamħ.	Mingħajr limitu taż-żmien

([1]) 1 BGN huwa l-ammont ta' l-enżimi li jillibera 1 *micromoles* ta' zokkor li jirriduċi (ekwivalenti tal-glukożju) mix-xgħir *beta-glucan* kull minuta f'pH4,8 u 50°C.
([2]) 1 CU huwa l-ammont ta' l-enżimi li jillibera 0,128 micromoles ta' zokkor li jirriduċi (ekwivalenti tal-glukożju) mix-xgħir beta-glucan kull minuta f'ph 4,5 u 30°C.
([3]) 1 EPU huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 0,0083 *micromoles* ta' zokkor li jirriduċi (ekwivalenti tal-ksilożju) minn *oat spelt xylan* kull minuta f' pH 4,7 u 30°C.

ANNESS V

Nru. jew KE Nru.)	Additiv	Formola kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					Uniti ta' attività/kg ta' għalf ta' l-annimali komplut			
Enżimi								
30 (jew E 1604)	*Endo*-1,3(4)-*beta-glucanase* EC 3.2.1.6 *Endo*-1,4-*beta-xylanase* EC 3.2.1.8	Preparazzjoni ta' *endo*-1,3(4)-*beta-glu*canase u *endo*-1,4-*beta-xylanase* prodott mill-*Penicillium funiculosum* (IMI SD 101) li fih attività minima ta': Forma tat-trab: *Endo*-1,3(4)-*beta-glucanase* 2 000 U ([1])/g *Endo*-1,4-*beta-xylanase:* 1400 U ([2])/g Forma likwida: *Endo*-1,3(4)-*beta-glucanase* 500 U/ml *Endo*-1,4-*beta-xylanase* 350 U/ml	Ħnienes (miftuma)		*endo*-1,3(4)-*beta-glucanase:* 100 U *endo*-1,4-*beta-xylanase:* 70 U	— —	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u s-sustanza ta' qabel it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, il-perjodu ta' kemm tista' ddum il-ħażna u l-istabbilità għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandabbli kull kg ta' għalf tal-bhejjem komplut: *endo*-1,3(4)-*beta-glucanase:* 100 U *endo*-1,4-*beta-xylanase:* 70 U 3. Għall-użu f'għalf kompost għani fil-polisakkaridi li mhumiex tal-lamtu (prinċipalment *beta- glucan* u *arabinoxylans*), e.ż. li fih aktar minn 30 % xgħir jew 20 % qamħ. 4. Għall-ħnienes miftuma sa approssivament 35 kg.	Data *[à compléter par le service publiant l'acte au J.O: 4 ans à partir de l'entrée en vigueur du ce règlement]*

Nru. jew KE Nru.)	Additiv	Formola kimika, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmiem tal-perjodu ta' awtorizzazzjoni
					Uniti ta' attività/kg ta' għalf ta' l-annimali komplut			
			Papri għas-smin	—	*endo*-1,3(4)-*beta-glucanase*: 100 U *endo*-1,4-*beta-xylanase*: 70 U	— —	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu ta' l-additiv u s-sustanza ta' qabel it-taħlit, indika t-temperatura ta' ħażna, il-perjodu ta' kemm tista' ddum il-ħażna u l-istabbilità għall-*pelleting*. 2. Doża rakkomandabbli kull kg ta' għalf tal-bhejjem komplut: *endo*-1,3(4)-*beta-glucanase*: 100 U *endo*-1,4-*beta-xylanase*: 70 U 3. Għall-użu f'għalf kompost għani fil-polisakkaridi li mhumiex tal-lamtu (prinċipalment *beta- glucan* u *arabinoxylans)*, e.ż. li fih aktar minn 50 % xgħir jew 60 % qamħ.	Missing text

(1) 1 U huwa l-ammont ta' enżimi li jillibera 5,55 *micromoles* ta' zokkor li jirriduċi (ekwivalenti tal-maltożju) mix-xgħir *beta-glucan* kull minuta f' pH 5,0 u 50 °C.
(2) 1 U huwa l-ammont ta' enżima li jillibera 4,00 *micromoles* ta' zokkor li jirriduċi (ekwivalenti tal-maltożju) minn *xylan* ta' njam tal-betula (birchwood xylan) kull minuta f' pH 5,5 u 50 °C.